MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2011

Numru. 67/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Daniel Farrugia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Daniel Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 853446(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' April 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-

delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 18, 42(d) u 185(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, u stante li l-fedina penali tal-istess hija kwazi netta, u li l-Qorti hi sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda issib lill-imputat Daniel Farrugia hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------